



KUMITAT GĦALL-PRODOTTI MEDIĊINALI GĦALL-UŻU VETERINARJU (CVMP)

OPINJONI WARA REFERENZA SKONT L-ARTIKOLU 33(4)¹ GĦAL

Shotaflo^r 300 mg/ml soluzzjoni injettabbli għall-bhejjem tal-ifrat

Denominazzjoni Komuni Internazzjonali (DKI): Florfenicol

INFORMAZZJONI ĠENERALI

Il-florfenicol huwa antibijotiku sintetiku bi spettu wiesa' attiv kontra firxa ta' organiżmi, fosthom organiżmi Gram-negattivi u Gram-pożittivi.

Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq, Virbac S.A., ippreżenta applikazzjoni permezz tal-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku għal Shotaflo^r 300 mg/ml soluzzjoni injettabbli għall-bhejjem tal-ifrat, abbażi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq mogħtija mir-Renju Unit. L-applikazzjoni għet ippreżentata fil-qafas tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2001/82/KE, kif emendata, li fih l-Istat Membru ta' Referenza kien ir-Renju Unit u l-Istati Membri Konċernati kienu l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall u Spanja. Il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku bdiet fit-28 ta' Frar 2008.

Minħabba xi tħassib, imqajjem mill-Ġermanja u mill-Olanda matul il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku, dwar il-fatt li Shotaflo^r 300 mg/ml soluzzjoni injettabbli għall-bhejjem tal-ifrat seta' jippreżenta riskju potenzjali gravi għall-ambjent, ir-Renju Unit irrefera l-kwistjoni lill-EMA fil-31 ta' Lulju 2008 skont l-Artikolu 33(4) tad-Direttiva 2001/82/KE.

Il-proċedura ta' referenza bdiet fis-16 ta' Settembru 2008. Inħatru bħala relatur u korelatur id-Dott. Bruno Urbain u id-Dott. Michael Holzhauser-Alberti, rispettivament. Ingħataw spjegazzjonijiet bil-miktub mid-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq fil-15 ta' Jannar 2009. L-isjegazzjonijiet orali nġhataw fis-16 ta' April 2009.

Abbażi tal-evalwazzjoni tal-valutazzjoni tar-relaturi tad-dejta attwalment disponibbli u, is-CVMP kkunsidra li l-użu tal-prodott rakkomandat esklussivament għal użu terapewtiku ma jikkostitwix riskju għall-ambjent. Madankollu, is-CVMP kkunsidra li l-kliem tal-indikazzjoni terapewtika kif inhi awtorizzata mill-Istat Membru ta' Referenza għandu jiġi emendat biex jiġu dikjarati b'mod ċar il-limitazzjonijiet tal-użu approvat u sabiex jiġi evitat li jkun interpretat b'mod żbaljat. Għalhekk, il-Kumitat adotta opinjoni fl-14 ta' Mejju 2009 li fiha rakkomanda l-varjazzjoni tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq konformi mal-emendi proposti lis-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott u lill-fuljett ta' tagħrif.

Il-lista ta' ismijiet tal-prodott ikkonċernati hija mogħtija fl-Anness I. Il-konklużjonijiet xjentifiċi huma mniżżla fl-Anness II, u l-verżjoni emendata tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott u tal-fuljett ta' tagħrif fl-Anness III.

L-opinjoni finali għet konvertita f'Deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea fi: 3 ta' Awwissu 2009.

¹ Artikolu 33(4) tad-Direttiva 2001/82/KE, kif emendat.

